**MEDE 973/2016** **Ċirkulari No. 52/2016**

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol
Bini tal-Edukazzjoni
Triq L-Assedju l-Kbir
Furjana VLT 2000

Data: 25 ta' Novembru 2016

Lid-Diretturi
Lill-Prinċipali tal-Kulleġġ
Lill-Kapijiet ta' Skola u Sezzjonijiet (tal-Istat biss)

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**POST TA' KAP TA' *RESOURCE CENTRE* FI ĦDAN IL-MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL**

**(skont l-*HR Plan* tal-Ministeru għas-sena 2016)**

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) jixtieq jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti interessati li l-ebda forma ta' abbuż fuq it-tfal m'huwa tollerat. Fil-proċess tar-reklutaġġ, il-MEDE jimxi mal-Liġi Sussidjarja 327.546 (Reklutaġġ, Taħriġ Inizjali u Żvilupp Professjonali Kontinwu u Protezzjoni ta' Minorenni fl-Edukazzjoni Obbligatorja).**

*Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

## 1.0 Ġenerali

1.1 Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE), jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Kap ta' *Resource Centre* fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

## 2.0 Termini u Kundizzjonijet

2.1 Din il-ħatra hija soġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Kap ta' *Resource Centre* huwa ta' Skala ta' Salarju 6, li bħalissa huwa ta' €23,600.02 fis-sena, li jiżdied b'€596.33 fis-sena sa massimu ta' €27,178.00.

2.3 Il-post ta' Kap ta' *Resource Centre* jagħmel parti mit-tim nazzjonali tal-edukazzjoni li jirrikjedi l-ħila li jimplimenta mentalità maniġerjali ta' tmexxija.

2.4 Il-persuna magħżula bħala Kap ta' *Resource Centre* tirċievi *Allowance* inklussiva fis-sena applikabbli għall-Immaniġġjar Edukattiv, li tirrifletti l-*weighting* tal-popolazzjoni tal-iskola, u biex tkopri aktar dmirijiet, aktar attendenza inkluż d-dmirijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-kunsilli tal-iskola, u spejjeż oħra li jinkludu parti rimunerazzjoni għall-ispejjeż tat-telefon, kif stipulat fil-ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-MUT iffirmat fit-23 ta' Awwissu 2010.

2.5 Il-ħatra fil-grad ta' Kap ta' *Resource Centre*, li hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* u suġġetta għar-regolamenti li jirregolaw minn żmien għal żmien is-Servizz Pubbliku ta' Malta in ġenerali, u MEDE in partikolari, u li tinvolvi l-possibbiltà ta' trasferiment skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.6 Sakemm mhux ordnat xort'oħra mill-Awtoritijiet tal-Edukazzjoni, persuna fil-grad ta' Kap ta' *Resource Centre* għandha sservi fl-iskola assenjata lilha għal ta' lanqas ħames (5) snin skolastiċi. Din il-persuna tista' tiġi *deployed* bħala Kap ta' Skola kemm-il darba tkun fil-pussess, jew ikollha l-approvazzjoni għall-għoti, ta' *Diploma in Educational Leadership, Administration, and Management,* jew ogħla, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, maħruġa minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti.

**3.0 Dmirijiet**

3.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-ħatra ta' Kap ta' *Resource Centre* jinkludu:

- Provvediment ta` tmexxija professjonali u assigurazzjoni fl-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-kurrikulu minimu nazzjonali;

- Assigurazzjoni tal-impenn sħiħ, ta' skola sħiħa, għall-filosofija kurrikulari, valuri u oġġettivi permezz ta' tim skolastiku effettiv, ta' komunikazzjoni u ta' atitudni kollaborattiva fit-teħid tad-deċiżjonijiet;

- Tmexxija 'l quddiem tal-edukazzjoni ħolistika ta' kull student fl-iskola;

- Organizzazzjoni, immaniġġjar u kontroll b'mod effiċjenti u effettiv tar-riżorsi umani, fiżiċi u finanzjarji tal-iskola;

- Parteċipazzjoni f'laqgħat tal-Kunsill tal-Kapijiet tal-Kulleġġ u kollaborazzjoni ma' Kapijiet oħra b'mod li jilħaq l-għola livell ta` *networking* taħt it-tmexxija tal-Prinċipal tal-Kulleġġ u skont id-direzzjoni u l-linji gwida stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti;

- Parteċipazzjoni fit-tfassil, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' proġetti li jagħmlu użu mill-fondi tal-Unjoni Ewropeja għal sħubija ma' skejjel Ewropej.

3.2 Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-ħatra ta' Kap ta' *Resource Centre* huma li:

- Jissawwru, b'kollaborazzjoni mat-tim skolastiku, l-għanijiet tal-iskola, l-objettivi u *policies* konformi mal-Att dwar l-Edukazzjoni, avviżi legali relatati, id-direttivi u r-regolamenti tal-Awtoritajiet Edukattivi u li jitmexxa t-tim tal-iskola kif xieraq;

- Bini ta' tim parteċipattiv u ta' proċess kolleġġjali li jwassal għat-tiswir u reviżjoni kontinwa tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola;

- Jinbena u jinżamm mezz effettiv u miftuħ ta' komunikazzjoni fi ħdan il-komunità skolastika, ma' skejjel oħra fl-istess Kulleġġ, mal-Bord u l-amministrazzjoni tal-Kulleġġ, mal-uffiċjali tad-Direttorat għal Kwalità u

*Standards* Edukattivi (DKSE) u d-DES, kif ukoll il-komunità tal-lokal u aġenziji oħra esterni;

- Jitmexxa l-ippjanar, l-organizzazzjoni u l-kordinazzjoni ta' inizjattivi u attivitajiet mal-kurrikulu u attivitajiet oħrajn matul is-sena flimkien ma' doveri oħra konnessi mal-Kunsill tal-Iskola skont il-liġijiet li jkunu fis-seħħ;

- Jinżamm aġġornat servizz ta' żvilupp professjonali kontinwu fil-qasam edukattiv u ta' tmexxija amministrattiva u ta' *management* u jitrawwem il-rwol ta' *mentor*;

- Tiġi żgurata l-ordni u d-dixxiplina, tingħata l-għajnuna fis-soluzzjoni ta' konflitti, u titmexxa `l quddiem ir-relazzjoni sana bejn l-istudenti, l-*istaff* u l-ġenituri;

- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' proċeduri stabbiliti ta' dixxiplina;

- Tiġi żgurata li l-parteċipanti fin-*networks* jikkommunikaw bla formalità żejda iżda b'mod strutturat;

- Jiġi żgurat li l-*policies* kollha jiġu fis-seħħ b'mod effettiv;

- Tiġi żgurata s-sistema ta' kura effettiva pastorali għall-istudent;

- Jiġi żgurat li t-Tim ta' Tmexxija jkun regolarment assenjat oqsma ta' ffukar għall-aħjar implimentazzjoni tal-*policies* tal-iskola u l-pjan ta' żvilupp;

- Issir superviżjoni tal-kwalità akkademika u pedagoġika tat-tagħlim;

- It-twettiq ta' dmirijiet oħra li jistgħu jitqiesu xierqa mid-Direttorati tal-Edukazzjoni;

- It-twettiq ta' dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni.

<u>Żvilupp Kurrikulari</u>

- Flimkien mat-Tim ta' Tmexxija u l-għalliema u b'konsultazzjoni mal-uffiċjali konċernati tad-DKSE u tad-DSE skont il-każ, jiġu deċiżi strateġiji għall-implimentazzjoni effettiva tal-Kurrikulu Nazzjonali, li jinkludu strateġiji tat-tagħlim, l-użu ta' riżorsi u servizzi edukattivi, l-għażla ta' kotba, eċċ.;

- Jinġiebu fis-seħħ mekkaniżmi ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jżommu *standards* għolja ta' tagħlim fl-iskejjel;

- Jitmexxa 'l quddiem kurrikulu aktar għani permezz ta' attivitajiet organizzati sew ġewwa kif ukoll barra l-iskola;

- Jiġi żgurat li l-kurrikulu jinkludi attivitajiet ħolistiċi ta' tagħlim li jħaddnu d-diversi talenti u modi ta' tagħlim, abilitajiet u potenzjali tal-istudenti kollha fl-iskola, u li jagħmlu użu sew mir-riżorsi tal-komunità tal-lokal kif ukoll dawk ta' organizzazzjonijiet nazzjonali, Ewropej u internazzjonali;

- Jiġu motivati u ssapportjati kull kategorija ta' *staff* bil-għan li jitmexxew 'l quddiem l-opportunitajiet ta' edukazzjoni tul il-ħajja, inkluż żvilupp u promozzjoni fil-karriera.

Faċilitajiet għall-Istudent

- Jiġi faċilitat provvediment effettiv tas-servizzi psiko-soċjali u ta' kura pastorali għall-istudent;

- Tinġieb fis-seħħ *referal policy* effettiva u proċeduri għall-istudenti li jeħtieġu servizzi speċjalizzati;

- Jiġu żviluppati u sostnuti proċeduri li jiffaċilitaw it-transizzjoni tal-istudent lejn u għall-iskola;

- Titmexxa 'l quddiem *policy* ta' skola inklussiva;

- Jitrawwem ambjent ta' sigurtà fl-iskola;

- Titmexxa 'l quddiem politika effettiva ta' parteċipazzjoni tal-istudent.

Personal Edukattiv

- Jitrawwem u jissaħħaħ l-iżvilupp tat-tim professjonali tal-iskola li jwassal għall-parteċipazzjoni attiva fit-teħid ta' deċiżjonijiet, għal azzjoni sussegwenti f'waqtha u jitħeffa l-eżerċizzju ta' awto evalwazzjoni tal-iskola;

- Tingħata l-opportunità lill-assistenti kapijiet f'diversi rwoli u xogħol ta' tmexxija; titmexxa l-*induction* ta' personal ġdid u jiġu xprunati, mwieżna, żviluppati, monitorjati, evalwati u jingħata *mentoring* lill-istaff professjonali u staff ieħor;

- Tigwida l-proċessi tal-immaniġġjar, li jinkludi l-*Performance Management Programme*, sabiex ikunu żgurati l-kwalità u l-*istandards* akkademiċi u pedagoġiċi tat-tagħlim;

- Isir *mentoring* u jamministraw personal ieħor li jappartjeni lill-iskola sew fuq bażi permanenti kif ukoll temporanju, sabiex ikun żgurat livell għoli ta' motivazzjoni u kwalità tas-servizz;

- Tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fil-programmi u l-inizjattivi tal-iskola.

Rabta bejn id-Dar, l-Iskola u l-Komunità

- Jinħolqu u jitmexxew 'il quddiem kuntatti mal-komunità tal-lokal u l-organizzazzjonijiet tagħha;

- Jitmexxa 'l quddiem l-involviment bikri tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv ta' uliedhom, filwaqt li tingħata direzzjoni ċara lill-istaff li tinkoraġġihom biex ifittxu modi effettivi sabiex ikattru l-involviment tal-ġenituri fl-iżvilupp edukattiv u fl-attivitajiet kurrikulari tal-istudenti;

- Il-ġenituri/tuturi jiġu mħeġġa sabiex jinvolvu ruħhom f'opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja li jwasslu għal żvilupp personali filwaqt li jippromwovu l-involviment tagħhom fil-ħajja komunitarja tal-iskola;

- Il-ġenituri jiġu mħeġġa sabiex isiru aktar konxji dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn il-ġid u l-benesseri ta' uliedhom u jiġi żgurat li huma josservaw bis-sħiħ ir-regolamenti tal-iskola kif ukoll dawk relatati mal-puntwalità sew fil-bidu kif ukoll fit-tmiem tal-ġurnata tal-iskola.

<u>Amministrazzjoni</u>

- Flimkien mal-Assistenti Kapijiet, isir eżerċizzju annwali tal-klassifikazzjoni tal-iskola fejn ikun żgurat il-preparazzjoni tat-*timetables*, l-assenjar ta' klassijiet, ta' suġġetti u ta' responsabbiltajiet lill-għalliema;

- Ikun żgurat li d-doveri u x-xogħol ta' għalliema assenti jkun kopert u mqassam b'mod ekwu bejn l-għalliema kollha fl-iskola;

- Ikun żgurat li l-istatistika tal-iskola kif ukoll ir-*records* tal-istudenti u l-istaff ikunu kompilati u jinżammu aġġornati;

- Ikun żgurat il-provvediment ta' sistema funzjonali tar-*records* u ta' *filing* kif ukoll is-sottomissjoni f'waqtha ta' data u informazzjoni rikjesta minn entitajiet regolatorji, mill-Bord tal-Kulleġġ u entitajiet oħra awtorizzati;

- B'kollaborazzjoni mal-aġenziji u uffiċjali konċernati, jiġi żgurat li l-bini, il-faċilitajiet u t-tagħmir tal-iskola, kif ukoll l-indafa u t-tisbiħ tal-ambjent tal-iskola, ikunu miżmuma kif xieraq;

- Bl-għajnuna tar-riżorsi umani disponibbli, jiġi żgurat li l-inventarji jkunu kumpilati u miżmuma skont regolamenti preskritti, u li jkun hemm immaniġġjar effiċjenti ta' *stores*/apparat, għamara u riżorsi materjali oħra;

- Ikun żġurat li kotba, servizzi u ħtiġijiet tal-iskola jkunu ordnati f'waqthom;

- Ikun żgurat trasport tal-iskola adekwat billi tingħata l-informazzjoni meħtieġa;

- Ikun hemm parteċipazzjoni fi proġetti tal-Unjoni Ewropea u proġetti oħra skont il-miri tal-Pjan ta' Żvilupp tal-Iskola.

<u>Finanzi</u>

- Bl-għajnuna ta' uffiċjali kompetenti tad-Direttorati u l-Kulleġġ jitħejjew l-estimi kapitali u rikorrenti tal-iskola fil-parametri u l-prioritajiet stabbiliti mill-awtorità kompetenti u l-Bord tal-Kulleġġ waqt li jingħata s-sehem fit-tħejjija tal-pjan ta' ħidma ta' tliet snin tal-Kulleġġ;

- Taħt id-direzzjoni u l-gwida tad–DSE ikun żgurat l-immaniġġjar effettiv u l-kontroll tal-fondi skont regolamenti finanzjarji Governattivi stabbiliti u li jinżamm rekord tat-transazzjonijiet kollha skont il-prattika stabbilita.

3.3 Fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet huwa mistenni mill-Kap ta' *Resource Centre* li jiżviluppa l-għerf, il-kompetenzi u l-ħiliet neċessarji sabiex juża b'mod effettiv it-teknoloġija tal-informazzjoni u komunikazzjoni.

3.4 Kap ta' *Resource Centre* jkun mgħejjun, imħeġġeġ u ggwidat permezz ta' proċess ta' *induction* u *mentoring* tul is-sena ta' prova u fi kwalunkwe żmien ieħor li l-awtorità konċernata jidhrilha xieraq. Il-parteċipazzjoni fil-proċess ta' *induction* jagħmel parti integrali mill-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' Kap ta' *Resource Centre*. Il-proċess ta' *induction* jista' jsir barra l-ħin tax-xogħol u ġeneralment jinfirex matul is-sena ta` prova.

## 4.0 Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu uffiċjali pubbliċi li:

(i) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(ii) Assistent Kap ta' Skola jew Kap tad-Dipartiment, *Inclusive Education Coordinator* (INCO), jew *School Counsellor* li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fl-edukazzjoni speċjali u/jew inklussiva jew qasam relatat;

(iii) fil-pussess ta' Warrant Permanenti ta' għalliem/a; **U**

(a) b'tal-anqas erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fi skejjel speċjali u/jew *Resource Centres*; **JEW**

(b) b'anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim iżda aktar minn sena (1) skolastika esperjenza ta' tagħlim fl-edukazzjoni speċjali.

Bil-kundizzjoni li kandidati b'anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fl-edukazzjoni speċjali jkunu kunsidrati biss għal mili tal-post ta' Kap ta' *Resource Centre* fin-nuqqas ta' kandidati li jkunu eliġibbli u/jew kandidati adatti b'minimu ta' erba' (4) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fi skejjel speċjali u/jew *Resource Centres*;

(iv) fin-nuqqas ta' applikazzjonijiet minn Assistenti Kapijiet ta' Skola, *Inclusive Education Coordinators* (INCOs), Kapijiet ta' Dipartiment, jew *School Counsellors,* l-eliġibbiltà tista' tkun estiża għal għalliema li għandhom *Warrant* Ta' Għalliem skont it-termini tal-artiklu 24 tal-Att XIII ta' 2006 (Permanenti), li għandhom kwalifika rilevanti fl-edukazzjoni speċjali u/jew fl-edukazzjoni inklussiva rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti, u għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim, fejn ħamsa (5) minnhom iridu jkunu f'*Resource Centres*.

4.2 Uffiċjali Pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' *Officer in Scale* permezz ta' deċiżjoni tal-*Grievances Unit* fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' *Officer in Scale.*

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta ġiet effettiva l-ħatra bħala *Officer in Scale* jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa t'applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor t'eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa t'applikazzjonijiet.

4.3 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.4 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 - 4.3 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw il-proviżżjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-link aktar 'l isfel f'paragrafu 8.1).

**5.0 Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni**

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti li kopja tagħhom għandha tkun *uploaded* mal-applikazzjoni fuq l-edurecruitment portal: https://edurecruitment.gov.mt. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifiki rikonoxxuti komparabbli għandu jkollhom magħhom *transcript*, bl-Ingliż (*Diploma/Certificate supplement*), li juri l-Grad miksub u l-klassifikazzjoni finali.

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

**6.0 Proċeduri tal-Għażla**

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-process tal-għażla hija 250 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 150. Il-Kriterji tal-Assessjar jistgħu jinkisbu minn https://education.gov.mt/en/Pages/vacancies.aspx

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'paragrafi 4.1- 4.3 hawn fuq, huma fil-pussess, jew għandhom l-approvazzjoni għall-għoti, ta' *Diploma in Educational Leadership, Administration and Management* jew ogħla, maħruġa minn istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti u li minbarra li għandhom esperjenza ta' xogħol ippruvata u relevanti.

6.3 Notifika ta' pubblikazzjoni tar-riżultat tista tara' mis-sit https://education.gov.mt/vacancies/Pages/Published%20Results.aspx

**7.0 Sottomissjoni tal-Applikazzjoni**

7.1 Applikazzjonijiet, flimkien ma' Formola ta' Rekord tas-Servizz u l-*Leave* (GP 47) aġġornata fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi u sommarju tal-kwalifiki u esperjenza fil-Format tal-Curriculum Vitae Ewropew, għandhom jintbagħtu permezz tal-Portal tal-

Ingaġġ tal-Edukazzjoni **BISS** f'dan l-indirizz: **https://edurecruitment.gov.mt** mhux aktar tard minn **nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016**. Irċevuta awtomatika tintbagħat lilek permezz ta' *e-mail* tinformak li l-applikazzjoni tiegħek waslet.

7.2 L-applikanti huma mħeġġa biex ma jistennewx sal-aħħar ġurnata sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom peress li numru kbir ta' applikazzjonijiet f'daqqa jew xi ħsara fil-konnessjoni tal-internet tista' twassal għal diffikultajiet fis-sottomissjoni. MEDE ma tistax tinżamm responsabbli għal xi dewmien minħabba tali diffikultajiet.

7.3 L-impjegati tal-MEDE biss, minbarra l-entitajiet għandhom japplikaw għal GP 47 billi jibgħatu *e-mail* fuq records.mede@gov.mt, u jindikaw b'mod ċar, l-isem u l-kunjom sħiħ, in-numru tal-karta tal-Identità, il-Grad, in-numru tat-telefon, u l-indirizz tad-dar flimkien ma' ir-referenza tas-sejħa li applikajt għaliha. Kopja tinbagħat lill-applikant permez ta' e-mail u l-oriġinali tinbagħat lill-Bord tal-Għażla.

7.4 Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fil-provvedimenti ġenerali msemmija hawn isfel.

## 8.0 Provvedimenti Ġenerali Oħra

8.1 Provvedimenti ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għall-:

- benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
- bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilita;
- sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
- pubblikazzjoni tar-riżultat;
- proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;
- aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati (mhux applikabli fid-dawl ta' paragrafu 7.1 hawn fuq);
- żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u *Standards* fl-indirizz

https://opm.gov.mt/en/PSD/RESOURCING/Pages/Forms%20and%20Templates/Forms-and-Templates.aspx . Dawn il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn dis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Joseph Caruana
Segretarju Permanenti
Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol